# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, l-Erbgha 6 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 32.**
**Citazz. Nru. 378/01 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Luigi RAVAIOLI**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenut Luigi Ravaioli;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Luigi Ravaioli fl-ammont ta' sitt elef, hames mija u sitta u sittin liri maltin u seba' centezmi ( Lm6,566.07) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenut Luigi Ravaioli mal-Bank of Valletta p.l.c.

(Dok "A1" sa "A19") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenut Luigi Ravaioli gie nterpellat permezz ta' Ittra Ufficjali datata 17 ta' Novembru, 2000 li qed tigi hawn esebita u markata Dok "B" sabiex ihallas id-dejn fuq-imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenut Luigi Ravaioli jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, hames mija u sitta u sittin liri maltin u seba' centezmi (Lm6,566.07) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenut Luigi Ravaioli mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A19") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Novembru, 2000 (Dok "B") mibghuta lill-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju u bir-riserva ghall-azzjoni ulterjuri spettanti lis-socjeta' attrici ghal bilanci ohra dovuti mill-konvenut li ghalihom l-istess socjeta' tipprocedi f'gudizzju separat;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenut imressqa quddiem il-Qorti llum li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut Luigi Ravaioli jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef, hames mija u sitta u sittin liri maltin u seba' centezmi (Lm6,566.07) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenut

Luigi Ravaioli mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1” sa “A19”) flimkien mal-imghax ulterjrui mill- l t’Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta’ Novembru 2000 (Dok “B”), kontra l-konvenut.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**6 ta’ Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**6 ta’ Gunju, 2001.**